**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA**

**LAQGĦA NRU 12**

**Il-Ħamis, 21 ta' Novembru 2024**

Il-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ltaqa' fil-Kamra tal-Kumitati fil-binja tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**PREŻENTI**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Mark Anthony Sammut.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa nru 11 tas-7 ta' Novembru 2024 kienu approvati.

**PERMESS LILL-MEDIA**

L-Ispeaker informa lill-Kumitat li kien hemm talba minn mezzi tal-media sabiex ikopru l-laqgħa tal-Kumitat.

Bil-permess tal-Kumitat membri tal-media tħallew jieħdu ritratti u filmati fl-ewwel ftit minuti tal-laqgħa.

**DOKUMENTI**

Għal fini ta' rekords l-Ispeaker informa lill-Kumitat illi huwa kien għadda lill-Membri:

Dok. 27 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/044 datat 11 ta' Novembru 2024 dwar ilment dwar *Konflitt ta' interess marbut mal-għoti ta' direct orders lil TEC Limited*

Dok. 28 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/054 datat 14 ta' Novembru 2024 dwar ilment dwar *Għemil ta' xogħol privat ta' konsulenza da parti ta' Segretarju Parlamentari*

Dok. 29 Rapport dwar Investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/053 datat 14 ta' Novembru 2024 dwar ilment dwar *Użu indebitu ta' fondi pubbliċi sabiex tingħata pubbliċità lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul*

**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI MILL-KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA (KAŻ K/042) – Kont.**

Il-Kumitat kompla l-konsiderazzjoni tiegħu mil-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2024 tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bir-referenza K/042 datat 23 ta' Ottubru 2024 dwar *Favuritiżmu jew abbuż ta' poter fl-ingaġġ tas-Sa Amanda Muscat fil-Ministeru għat-Turiżmu u sussegwentement fil-Ministeru għal Għawdex*, f'liema laqgħa l-Kumitat kien qabel dwar il-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport.

Wara diskussjoni qasira l-Kumitat qabel b'mod unanimu mal-addozzjoni ta' dan ir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Kumitat qabel ukoll li kellha ssir komunika mas-Segretarju Permanenti Ewlieni b'referenza għall-paragrafu 165(b) tal-imsemmi rapport fejn il-Kummissarju rrakkomanda li l-Manual on Resourcing Policies and Procedures ikun rivedut kif spjegat fir-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Il-Kumitat qabel illi l-Iskrivan tal-Kamra tinforma liż-żewġ Membri li dwarhom sar ir-rapport bid-dritt tagħhom skont Artikolu 28 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport, u li dan setgħu jagħmluh jew bil-miktub jew billi jidhru quddiem il-Kumitat fil-laqgħa li kien imiss.

Fl-4.14 p.m. il-Kumitat aġġorna għall-Erbgħa, 27 ta' Novembru 2024 fil-11.00 a.m.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**